

Stqarrija għall-Istampa tal-Eurostat/FRA/EIGE  
Brussell, il-25 ta' Novembru 2024

## Mara waħda minn kull tliet nisa fl-UE esperjenzat vjolenza

**Terz tan-nisa fl-UE esperjenzaw vjolenza fid-dar, fuq il-post tax-xogħol jew fil-pubbliku. In-nisa żgħażaġh jirrapportaw li esperjenzaw livelli oġhla ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol u forom oħra ta' vjolenza minn nisa akbar fl-età. Madankollu l-vjolenza kontra n-nisa spiss tibqa' inviżibbli peress li mara minn kull erbgħa biss tirrapporta inċidenti lill-awtoritajiet (il-pulizija, jew is-servizzi soċjali, tas-saħħa jew ta' appoġġ). Dawn huma wħud mis-sejbiet tal-istħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru li sar mill-2020 sal-2024 mill-Eurostat (l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE), l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE).**

Ir-riżultati mill-[istħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru](#) jirrappreżentaw nisa ta' bejn it-18-il sena u l-74 sena minn madwar l-UE. L-istħarriġ ikopri esperjenzi ta' vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika, inkluża vjolenza domestika u mhux marbuta mas-sieħeb/sieħba. Jirrapporta wkoll dwar il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

Is-sejbiet tal-istħarriġ jikkonċernaw kwistjonijiet bħal:

- **Il-prevalenza tal-vjolenza:** Mara waħda minn kull tliet nisa fl-UE esperjenzaw vjolenza fiżika, vjolenza sesswali, jew theddid fil-ħajja adulta tagħhom.
- **Il-vjolenza sesswali u l-istupru:** Mara waħda minn kull sitt nisa fl-UE esperjenzaw vjolenza sesswali, inkluż stupru, fl-età adulta tagħhom.
- **Il-vjolenza fid-dar:** Id-dar mhux dejjem post sikur għal ħafna nisa: Mara waħda minn kull ħames nisa ffaċċjaw vjolenza fiżika jew sesswali mis-sieħeb tagħhom, qarib, jew membru ieħor tal-unità domestika tagħhom.
- **Fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol:** Mara waħda minn kull tliet nisa ġew iffastidjati sesswalment fuq il-post tax-xogħol. In-nisa żgħażaġh jirrapportaw prevalenza oġhla, bi tnejn minn kull ħames nisa li esperjenzaw fastidju sesswali fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom.
- **In-nuqqas ta' rapportar tal-vjolenza:** Għalkemm il-maġġoranza tan-nisa li esperjenzaw vjolenza tkellmu ma' persuna qrib tagħhom dwar dan, mara waħda biss minn kull ħames nisa kkuntattjat fornitur tal-kura tas-saħħa jew ta' servizz soċjali, u mara waħda biss minn kull tmien nisa rappurtat l-inċident lill-pulizija.

L-istħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru twettaq b'mod konġunt mill-Eurostat, il-FRA u l-EIGE—it-tliet organizzazzjonijiet li huma responsabbli rispettivament għall-istatistika uffiċjali, għad-drittijiet tal-bniedem, u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi ħdan l-UE. Il-ġbir tad-*data* seħħ bejn Settembru 2020 u Marzu 2024. Ir-riżultati tal-istħarriġ jipprovdu *data* li tippermetti aħjar lil dawk li jfasslu l-politika madwar l-UE li jiġġieldu l-vjolenza kontra n-nisa u jagħtu appoġġ aktar effettiv lill-vittmi.

Id-*data* tista' tinstab fis-[sett tad-\*data\* tal-Eurostat dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru](#) (disponibbli fil-11: 00 CET).

[L-artiklu tal-Eurostat dwar l-Istatistika Spjegata](#) (disponibbli fil-11: 00 CET) jiddeskrivi wkoll xi wħud mis-sejbiet tal-istħarriġ.

Kwotazzjoni mid-Direttur Ġenerali tal-Eurostat [Mariana Kotzeva](#):

*"Illum, l-Eurostat, f'kooperazzjoni mal-FRA u l-EIGE, ippubblika r-riżultati fil-livell tal-pajjiżi tal-UE tal-istħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru. L-istatistika dwar il-fenomenu spiss moħbi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija bbażata fuq metodi stretti ta' ġbir ta' data madwar l-Istati Membri tal-UE, u dan jagħmel din l-istatistika fondazzjoni fdata għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-azzjoni politika. L-Eurostat jirringrazzja lil dawk kollha li qasmu l-esperjenzi tagħhom mal-intervistaturi b'mod kuraġġuż, sikur u anonimu."*

Kwotazzjoni mid-Direttur tal-FRA [Sirpa Rautio](#):

*"Ma hemm l-ebda post sikur għan-nisa, fejn ma jeżistux vjolenza u fastidju. Lura fl-2014, bl-ewwel stħarriġ tagħha madwar l-UE kollha dwar il-vjolenza kontra n-nisa, [il-FRA żvelat sa liema punt in-nisa jesperjenzaw vjolenza kuljum u kullimkien](#). Għaxar snin wara, qed inkomplu naraw l-istess livelli xokkanti ta' vjolenza li taffettwa mara waħda minn kull tliet nisa. Ir-rati ta' vjolenza kontra n-nisa għadhom għoljin wisq. Dawk li jfasslu l-politika, is-soċjetà ċivili u l-ħaddiema tal-ewwel linja jeħtieġ li b'mod urġenti jappoġġaw u jipproteġu d-drittijiet tal-vittmi kollha tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-abbuż domestiku irrelevanti minn fejn dawn iseħħu."*

Kwotazzjoni mid-Direttur tal-EIGE [Carlien Scheele](#):

*"Meta niffaċċjaw realtà allarmanti fejn mara waħda minn kull tliet nisa fl-UE tesperjenza vjolenza, iżda ftit aktar minn mara waħda minn kull tmien nisa jirrapportawha, hemm bżonn li nħarsu b'mod serju lejn il-kwistjonijiet sistemiċi li qed jostakolaw il-bidla milli sseħħ. Illum ir-riżultati tal-ħruġ tad-*data* tal-istħarriġ tagħna verament jenfazzjaw l-importanza tal-ħidma tal-Aġenzija tiegħi biex tintemm il-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Il-vjolenza kontra n-nisa hija msejsa fuq il-kontroll, id-dominanza u l-inugwaljanza. Meta perspettiva bbażata fuq il-ġeneru tiġi integrata fil-miżuri ta' prevenzjoni, fis-servizzi u fl-awtoritajiet, allura nistgħu nistennew li naraw aktar nisa li jieħdu azzjoni, għax jafu li se jirċievu l-appoġġ li jeħtieġu. Għax kull mara għandha d-dritt li tkun sikura - kullimkien."*

### **Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:**

- **Eurostat:** [eurostat-mediasupport@ec.europa.eu](mailto:eurostat-mediasupport@ec.europa.eu) / Tel.: +352 4301 33 408
- **FRA:** [media@fra.europa.eu](mailto:media@fra.europa.eu) / Tel.: +43 1 580 30 653
- **EIGE:** [georgie.bradley@eige.europa.eu](mailto:georgie.bradley@eige.europa.eu) / Tel.: +370 6982 78 26

Din l-istqarrija għall-istampa ġiet tradotta miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea iżda ma sarx qari tal-provi mill-esperti tal-FRA.